**HR 9/2019** **Ċirkulari MFIN/HR Nru. 9/2019**

Ministeru għall-Finanzi
30, Maison Demandols
Triq Nofs In-Nhar
Il-Belt Valletta

Data: 5 ta’ Lulju 2019

Lis-Segretarji Permanenti
Lid-Diretturi Ġenerali
Lid-Diretturi
Lill-Kapijiet ta’ Organizzazzjonijiet fis-Settur Pubbliku

**POST TA’ *MANAGER I (PEOPLE MANAGEMENT)* FIL-MINISTERU GĦALL-FINANZI**

*Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.*

1. Is-Segretarju Permanenti (Integrazzjoni u Amministrazzjoni), Ministeru għall-Finanzi jilqa’ applikazzjonijiet għall-post ta’ *Manager I (People Management)* fil-Ministeru għall-Finanzi.

**Termini u kundizzjonijiet**

2.1 Din il-ħatra hija soġġetta għal perjodu ta’ prova ta’ tnax (12)-il xahar.

2.2 Ir- riżultat ikun validu għal sentejn (2) mid-data tal-pubblikazzjoni.

2.3 Mhux ser ikun possibbli li jintalab *transfer* qabel perjodu ta’ sentejn (2) mill-ħatra. Hekk kif jiskadi l-imsemmi perjodu ta’ sentejn (2), dawk appuntati jistgħu jiġu biss trasferiti fuq talba tagħhom sabiex jaqdu dmirijiet x’imkien ieħor fil-qasam tal-*People Management*, suġġett għad-disponibbilta’ ta’ postijiet vakanti u l-esiġenzi tal-*Management*.

2.4 Is-salarju ta’ *Manager I (People Management)* huwa ta’ Skala ta' Salarju 10, li fis-sena 2019 huwa ta’ €19,958 fis-sena, li jiżdied b’€407.67 fis-sena sa massimu ta’ €22,404.

2.5 Persuna fil-grad ta’ *Manager I (People Management)* fi Skala ta’ Salarju 10 titla’ fi Skala 9 (€21,252 x €447.33 - €23,936 fl-2019) wara sentejn (2) servizz bħala *Manager I*, jekk tkun qdiet dmirha b’mod sodisfaċenti.

2.6 Persuna fil-grad ta’ *Manager I (People Management)* fi Skala ta’ Salarju 9 titla’ fi Skala 8 (€22,645 x €486.83 - €25,566 fl-2019) wara ħames (5) snin servizz bħala *Manager I*, jekk tkun qdiet dmirha b’mod sodisfaċenti.

2.7 Persuna fil-grad ta’ *Manager I (People Management)* fi Skala ta’ Salarju 8 titla’ fi Skala 7 (€24,153 x €531.17 - €27,340 fl-2019) wara tliet (3) snin servizz bħala *Manager I*, jekk tkun qdiet dmirha b’mod sodisfaċenti.

2.8 Il-kandidat magħżul ikun ukoll intitolat għall-*Performance Bonus* sa massimu ta’ 10% tas-salarju bażiku, marbut ma’ xogħol sodisfaċenti u soġġett għall-*policies* tal-Amministrazzjoni Ċentrali fis-seħħ minn żmien għal żmien.

**Dmirijiet**

3. Id-dmirijiet ta’ persuna fil-ħatra ta’ *Manager I (People Management)* jinkludu:

a) Jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni u l-monitoraġġ ta' leġiżlazzjoni relatata mal-*People Management*, direttivi, regolamenti, *policies* u *standing approvals*;

b) jipparteċipa fl-istadji varji tal-proċess ta' reklutaġġ u jissapportja bi sħiħ l-implimentazzjoni ta' Direttivi 9 u 10, fosthom it-tfassil ta' sejħiet u l-applowdjar u d-dawnlowdjar tad-dokumentazzjoni relevanti mill-portal tar-Reklutaġġ;

c) jipparteċipa b'mod attiv fil-ħidmiet operazzjonali ta' kuljum li jagħmlu parti mill-funzjoni tal-*People Management* u jservi bħala l-punt ta' referenza dwar materji relatati;

d) jassisti fil-proċessi ta' *allowances*, f'miżuri biex jgħinu lill-familja u d-drittijiet l-oħrajn kollha tal-impjegati li joħorġu mill-PSMC u l- Manwali li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-*People Management*;

e) jiġbor informazzjoni relatata ma' ċaqliq, drittijiet u attivitajiet fir-rigward ta' ħruġ ta' pagi għall-istaff;

f) jaġġorna l-*Personal Record Sheets*, il-progressjonijiet, il-promozzjonijiet, ir-rekords ta' assenza u l-ħruġ ta' pagi;

g) jikkompila rapporti perjodiċi**,** kif ukoll kull informazzjoni oħra skont kif ikun meħtieġ;

h) jassisti fil-formulazzjoni ta' manwali, preżentazzjonijiet u xi sottomissjonijiet oħrajn kif ikun meħtieġ;

i) jikkoordina u jwettaq riċerka kif ikun ordnat jagħmel, kif ukoll li jassisti fil-ġbir/kompilazzjoni u it-tixrid ta' informazzjoni relatata mal-*People Management*;

j) jagħti għajnuna amministrattiva lill-*Management* Anzjan u Medju kif ikun meħtieġ;

k) jara li jissorvelja l-istaff fil-ħidmiet operazzjonali;

l) jagħmel kuntatt ma' *stakeholders* varji fil-qadi tad-dmirijiet imsemmijin hawn fuq kif ikun meħtieġ;

m) jipparteċipa f'taħriġ dwar politiki u proċeduri tal-*People Management* biex iżomm ruħu aġġornat mal-iżviluppi li jkunu qegħdin iseħħu;

n) kull dmir ieħor skont kif ikun mitlub mid-Diretur tas-Servizzi Korporattivi u l-*Management* Anzjan responsabbli għall-funzjoni tal-*People Management*;

o) dmirjiet oħra skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku skont struzzjonijiet mogħtija mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

**Rekwiżiti tal-eliġibbiltà**

4.1 Sal-ħin u l-għeluq tad-data ta din is-sejha għall-applikazzjonijiet, l-applikanti jridu jkunu Uffiċjali Pubbliċi jew Ħaddiema tas-Settur Pubbliku li qed iwettqu dmirijiet fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, jew ħaddiema tal-RSSL, li huma kkonfermati fil-ħatra preżenti tagħhom jew f'ħatra preċedenti. Uffiċjali Pubbliċi li huma mislufin/*detailed*/*deployed*/*attached* ma' Organizzazzjonijiet fis-Settur Pubbliku jistgħu japplikaw;

a) li huma kkonfermati fil-ħatra preżenti tagħhom jew f'ħatra preċedenti;

**u**

b) fil-pussess ta' kwalifika rikonoxxuta fl-Livell 6 tal-MQF (suġġett għall-minimu ta' 180 ECTS/ECVETS kretti jew ekwivalenti, rigward korsijiet li bdew minn Ottubru 2003) f'*Work and*

*Human Resources Management* jew Psikoloġija jew *Training and Development* jew *Public Administration* jew *Public Management* jew kwalifika professjonali komparabbli.

4.2 Kwalifiki li huma ta' livell ogħla minn dak specifikat fil-paragrafu 4.1 (b) jiġu aċċettati għall-fini ta' eliġibbilità, basta jkunu fis-suġġetti mitluba. Kwalifika ta' Master's f'livell 7 tal-MQF, jew ekwivalenti, għandha tinkludi minimu ta' 60 ECTS/ECVETS kretti, fir-rigward ta' korsijiet li bdew minn Ottubru 2008.

Dawk il-kandidati li għadhom ma kisbux formalment il-kwalifika kif indikat fil-paragrafu 4.1 (b) xorta jibqgħu jiġu kkunsidrati, sakemm jissottomettu evidenza li ġabu l-kwalifika msemmija, jew inkella jkunu lestew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS/ECVETS, jew ekwivalenti, meħuda bħala parti minn programm ta' studju ta' livell ogħla tal-MQF rikonoxxut, kif mitlub fil-kriterji tal-eliġibilita' t' hawn fuq, sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Aktar minn hekk, kandidati li għadhom ma kisbux formalment il-kwalifika rikjesta kif speċifikata fil-paragrafu 4.1b) xorta jiġu kkunsidrati, basta li jibagħtu evidenza li jkunu ġabu t-tali kwalifika sal-31 ta' Ottubru 2019. Jekk jintagħżlu, dawn il-kandidati għandhom jipproduċu l-kwalifika indikata qabel il-ħatra. Jekk l-iskadenza ma tintlaħaqx, il-kandidat magħżul jitneħħa mir-riżultat.

4.3 Apllikazzjonijiet laterali minn Uffiċjali Pubbliċi, li digà għandhom ħatra fl-istess grad imsemmi f'din is-sejħa, huma aċċettati biss bil-kundizzjoni li l-ispeċjalizzazzjoni marbuta ma' din il-vakanza hija differenti minn dik relatata mal-ħatra kurrenti u liema vakanza tirrikjedi kwalifika speċifika relatata bħala rekwizit tal-eliġibbiltà`, li l-applikant huwa mistenni li jissodisfa.

4.4 Il-kandidati magħżula jridu jkunu eliġibbli għall-ħatra f'dan il-grad, skont 4.1 - 4.3 hawn fuq, mhux biss sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

4.5 L-applikanti prospettivi għandhom jaraw il-proviżżjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MQRIC, jew awtorita' pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-link aktar 'l isfel).

**Sottomissjoni ta' dokumentazzjoni**

5.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun *scanned* u mibgħuta permezz tar-*Recruitment Portal* fuq https://recruitment.gov.mt. Dawn id-dokumenti ma jistgħux jiġu sottomessi aktar tard minn jumejn ta' xogħol (2) mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet, taħt l-ebda ċirkostanza.

5.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

**Proċeduri tal-għażla**

6.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn Bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-post. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50%.

6.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 4.1 - 4.3, għandhom esperjenza ta' xogħol relevanti u ppruvata.

**Sottomissjoni tal-applikazzjoni**

7. L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni ta' Sezzjoni tar-Reklutaġġ, Ministeru għall-Finanzi, permezz tar-*Recruitment Portal* **biss** f'dan l-indirizz: https://recruitment.gov.mt. L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu *Curriculum Vitae* (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant), u *Service and Leave Record Form* (GP 47) aġġornat, f'format pdf, li għandhom ikunu *uploaded* permezz tal-*Portal*. Fil-każ ta' impjegati tas-Settur Pubbliku li qed iwettqu

dmirijiet fis-Servizz Pubbliku, u ħaddiema tal-RSSL, dawn għandhom jissottomettu *paid/unpaid Leave* u *Sick Leave records* għall-aħħar erba' snin, inkluż kwalunkwe *records* ta' xi azzjonijiet dixxiplinarji (fl-assenza ta' tali records, jiġi mifhum li qatt ma ttieħdet azzjoni dixxiplinarja). Fil-każ ta' impjegati tas-Settur Pubbliku li qed iwettqu dmirijiet fis-Servizz Pubbliku, dawn għandhom jipproduċu wkoll konferma mingħand id-DCS tal-Ministeru fejn qed iwettqu d-dmirijiet li huma qegħdin uffiċjalment iwettqu d-dmirijiet f'dak il-Ministeru.

L-arranġament preżenti, fejn ħaddiema tas-Settur Pubbliku li qed iwettqu dmirijiet fis-Servizz Pubbliku jibqgħu fuq il-kotba tal-entita' rispettiva, jibqa' japplika, bil-kunsens tal-entita', f'każ li ħaddiema tas-Settur Pubbliku jintgħażlu għall-post.

Biex jiġi dditerminat u ikkumparat il-livell ta' responsabbilta' tal-impjegati tas-Settur Pubbliku li bħalissa qed jaqdu dmirijiet fis-Servizz Pubbliku u impjegati tal-RSSL mal-livell ta' responsabbilta' meħtieġ minn Uffiċjali Pubbliċi li japplikaw għal din il-post, il-Bord tal-Għażla għandu dejjem u formalment jikkonsulta mad-Direttur/*HR Manager* responsabbli tal-entita' rispettiva tas-Settur Pubbliku.

Ħaddiema tal-RSSL li jiġu magħżula għal dan il-post ikollhom l-impjieg tagħhom mal-RSSL awtomatikament terminat wara li jtemmu b'suċċess il-perjodu ta' prova.

Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija **nofsinhar (*Central European Time*) ta' nhar il-Ġimgħa, 19 ta' Lulju 2019**. Ittra elettronika ġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fil-provvedimenti ġenerali msemmija hawn isfel.

**Provvedimenti ġenerali oħra**

8. Provvedimenti ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għall-:

- beneficċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
- bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabilita';
- sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
- pubblikazzjoni tar-riżultat;
- proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;
- aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
- żamma ta' dokumenti;

jistgħu jiġu aċċessati permezz tas-sit elettroniku tad-Diviżjoni dwar Nies u *Standards* fl-indirizz https://publicservice.gov.mt/en/people/Pages/PeopleResourcingandCompliance/FormsandTemplates.aspx jew jinkisbu minn recruitment.mfin@gov.mt. Dawn il-provvedimenti ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit elettroniku u l-indirizz elettroniku tas-Sezzjoni huma https://mfin.gov.mt u recruitment.mfin@gov.mt.

Joseph Caruana
Segretarju Permanenti (Integrazzjoni u Amministrazzjoni)
Ministeru għall-Finanzi

*EB, KBO*